**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2019 – Unifarco vs EUIPO – GD Tecnologie Interdisciplinari Farmaceutiche (TRICOPID)**

**(Kawża T-359/18)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta' oppożizzjoni – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali TRICOPID – Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti TRICODIN – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta' konfużjoni – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 399/58)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Unifarco SpA (Santa Giustina, l-Italja) (rappreżentanti: A. Perani u J. Graffer, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* GD Tecnologie Interdisciplinari Farmaceutiche Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: E. Pepe u M. Farinola, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Marzu 2018 (Każ R 2150/2017-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn GD Tecnologie Interdisciplinari Farmaceutiche u Unifarco.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Unifarco SpA hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk imġarrba minn GD Tecnologie Interdisciplinari Farmaceutiche Srl quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).*

---

[1] ĠU C 276, 6.8.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2019 – WI vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-379/18)** [1]

***("Servizz pubbliku – Pensjonijiet – Pensjoni tas-superstiti – Sħubija mhux matrimonjali rreġistrata – Rifjut ta' għoti – Artikolu 1(2)(ċ)(iv) tal-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal – Aċċess għal żwieġ ċivili – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Dmir ta' premura – Ċirkustanzi eċċezzjonali")***

(2019/C 399/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* WI (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin u L. Radu Bouyon, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Awwissu 2017 peress li din ma tatx lir-rikorrent pensjoni tas-superstiti, tad-deċiżjoni tat-13 ta' Settembru 2017 peress li din irrifjutat lir-rikorrent il-benefiċċju ta' pensjoni tas-superstiti u tad-deċiżjoni tad-9 ta' Marzu 2018 li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *WI huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 341, 24.9.2018.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Settembru 2019 – TrekStor vs EUIPO (Theatre)**

**(Kawża T-399/18)** ([1])

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Theatre – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Assenza ta' karattru distintiv – Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001")***

(2019/C 399/60)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* TrekStor Ltd (Hong-Kong, iċ-Ċina) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch, M. Alber u N. Willich, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: S. Hanne, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' April 2018 (Każ R 2238/2017-2), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal verbali Theatre bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *TrekStor Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 294, 20.8.2018.